Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9214 — MUFG HD/Akamai/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 460/24)

1. Fl-14 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi UFJ Financial Group, Inc. ("MUFG HD", il-Ġappun),

— Akamai Technologies, Inc. ("Akamai", l-Istati Uniti tal-Amerika).

MUFG HD u Akamai jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (il-joint venture, "JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma u kontribuzzjoni ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MUFG HD: kumpanija azzjonarja għal entitajiet involuti f'firxa wiesgħa ta' negozji finanzjarji,

— Akamai: il-forniment ta' servizzi cloud biex jitwasslu, ikunu ottimizzati u jkunu assigurati applikazzjonijiet tal-kontenut u dawk kummerċjali minn fuq l-Internet,

— il-JV: il-forniment ta' network fil-Ġappun għal ħlas online ibbażati fuq blockchain.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9214 — MUFG HD/Akamai/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.